Avviz Numru CCT 338/11/GZ

**Carmen Formosa**

**vs**

**Shubette Boutique**

Illum 22 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u ghaxar Ewro (€110.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal libsa, liema libsa kellha difett.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Xtrat libsa li tiswa mija u ghaxar Ewro (€110.00), pero' sabet li din il-libsa kellha difett fl-ispots taghha taht is-sider. Meta marret biex tbiddilha kien hemm is-salesgirl, li mill-ewwel qaltilha li l-boss taghha ma tbiddilx hwejjeg. Ir-rikorrenti talbitha biex icemplilha, u hekk ghamlet, fejn is-sid qaltilha li ma kenitx ser tbidlilha l-libsa. Ir-rikorrenti talbet business card fejn kien hemm in-numru ta' Mrs Rosemary Formosa, u ghalhekk hija cemplitilha erbgha (4) darbiet, pero' ma rrisponda hadd. Wara hafna zmien, Mrs Formosa cemplet lir-rikorrenti fejn hija ghajritha u qaltilha li hija xi wahda li tmur tiddandan b'ilbiesi t-tieg imbaghad tmur biex tbiddel. Meta r-rikorrenti qaltilha li l-libsa kellha difett u li setghat tmur turihielha l-hanut, Mrs Formosa qaltilha li kienet diga' ghamlet rapport l-Ghassa u biex ma tersaqx lejn il-hanut. Wara erbghat (4) ijiem, Mrs Formosa cemplitilha u qaltilha biex tmur il-hanut sabiex tara l-

libsa. Ir-rikorrenti ghalhekk marret il-hanut fejn hadet maghha l-habiba taghha, Jeanette Abela, pero' Mrs Formosa ghajret lir-rikorrenti u kellmitha hazin u b'mod arroganti u waslet sabiex qaltilha li jekk riedet setghat tmur ghand tal-Konsumatur. Fil-fatt, ir-rikorrenti hekk ghamlet.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata bil-fatt li hallset il-flus ghal libsa li kellha difett, u ghalhekk hija qed titlob ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' mija u ghaxar Ewro (€110.00) li hija hallset ghall-imsemmija libsa.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti xtrat libsa ghal okkazzjoni li kellha dik il-gimgha stess li xtratha. Wara li ppruvat diversi lbiesi, hija ghazlet il-libsa in kwistjoni, u peress li kienet sodisfatta wara li garrbitha bil-kumdita' u l-hin kollu li kellha bzonn, hallset kif normalment isir. Ir-rikorrenti kienet stqarret li hasra li mhux ser tgawdiha hafna l-libsa peress li kienet fuq dieta biex tonqos mill-piz. Ghal dan il-ghan, is-socjeta' ntimata offretilha li jekk ikun il-kaz, tista' tmur lura u tghamlilha alterazzjoni ghand hajjata, dejjem bi hlas, biex b'hekk il-libsa tkun tista' tgawdiha aktar. Ir-rikorrenti kienet apprezzat u kienet sodisfatta. Gara li wara tliet (3) gimghat, ir-rikorrenti kienet regghat marret il-hanut u talbet biex tbiddel il-libsa ghaliex lill-habiba taghha ma kenitx ghogbitha. Ovvjament peress li kienu ghaddew tliet (3) gimghat, u xorta wahda ma kenitx inghatat raguni valida, is-socjeta' ntimata kienet irrifjutat li takkomoda x-xewqa tar-rikorrenti, biss ir-rikorrenti ma setghatx tifhem li hwejjeg ma jinbidlux tliet (3) gimghat wara li jkunu nxtraw, u ghalhekk ir-rikorrenti dahhlet il-habiba taghha fin-nofs, li bdiet tghid li l-libsa ma kenitx mehjuta sew. Dan m'huwiex minnu, kollha skuzi, gideb u nsinwazzjonijiet, ghaliex il-libsa perfetta f'kollox, materjal u hjata. Li kieku l-libsa vera kellha difett, is-socjeta' ntimata setghat facilment tibghatha lura l-fabbrika, pero' ma kienx il-kaz. Ir-rikorrenti cemplet diversi drabi u fost hafna theddid fejn qalet li taf fejn hi r-residenza privata taghha u li r-ragel taghha huwa Pulizija, u ghalhekk is-socjeta' ntimata hasset il-bzonn li taghmel rapport l-Ghassa. Is-socjeta' ntimata ghamlet dak kollu li setghat sabiex tikkalma s-sitwazzjoni, pero' r-rikorrenti assolutament ma reditx tifhem.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet il-libsa in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess u wara li osserva n-nuqqas ta' kredibbilta' da parti tar-rikorrenti, hekk kif jizvolgi mill-verzjonijiet differenti tal-partijiet, flimkien mal-fatt li l-libsa ma ghandha l-ebda tip ta' difett, qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**